MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 847/2004

**AIC Francis Montesin u AIC Anthony Scerri**

**Vs**

**Raymond Hili f'ismu propju u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Future Furniture Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm931.50c (disa' mija u wiehed u tletin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti drittijiet ghal prestazzjonijiet professjonali in kwantu ghal Lm310.50c (tlett mija u ghaxar liri Maltin u hamsin centezmu) dovuti mill-konvenut f'ismu proprju in konnessjoni mal-fond 1, Triq S. Fiteni, Mosta, u in kwantu ghal Lm621.00c (sitt mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin) dovuti mill-konvenut noe in konnessjoni mad-fond 5A, Qasam Industrijali,

Attard, prestazzjonijiet esegwiti mill-atturi fuq inkarigu tal-konvenut pro et noe.

Bl-ispejjez ta’ l-ittra nterpellatorja tas-16 ta’ Marzu, 2004 u l-imghax legali b’effett mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz tat-talba sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Ra li gie pprezentat Kapitolu mill-atturi;

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------